MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2012

Numru 782/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**VS**
**ENVER DEDEJ**
**ARJAN GJORLLAKU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Enver Dedej ta' 23 sena, mwieled Albania fit- 13 ta' Marzu 1989, iben Ramazan u Mynyie, indirizz mhux maghruf u detentur tal- passaport BD 8660923;

U

Arjan Gjorllaku ta’ 19- il sena mwieled Albania fit- 12 ta’ Ottubru 1992, bin Haki u Naile, indirizz mhux maghruf u detentur tal- passaport numruu BB7844119;

Talli f’ Lulju 2012, u fix- xhur ta’ wara, f’ Malta imbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill- Ufficjali Principali tal- Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l-Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni jidhirlu xierq u mehtieg;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghhom;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti qed issibhom hatja u ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Il-Qorti giet infurmata li l-imputati kienu telqu minn Malta xi jiem ilu billi uzaw dokumenti foloz. Meta waslu l-Ingilterra, huma gew mibghuta lura Malta, u ttiehdu dawn il-proceduri. Id-dokumenti foloz inzammu mill-awtoritajiet inglizi li riedu jissoktaw bl-investigazzjonijiet taghhom. Il-Qorti giet infurmata wkoll li l-imputati kienu ser jintbaghtu lura l-Albanija dritt wara s-smigh ta’ din il-kawza, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li tinghata sentenza ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 28 tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentjn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------